# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001**

**Numru 78**

**Citaz. Nru. 95/01GV**

**Doc. Nru. 68-01**

**Licari Estates Limited**

**vs**

**Kishinchand Mohnani**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta' attrici ippremettiet illi ai termini ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili wara l-kawza fl-ismijiet Victor Licari bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Licari Estates Limited; u Phyllis mart in-Nutar Dottor Mario Bonello vs Rose Micallef u Frank Micallef, ahwa Micallef; u Joseph Mohnani u Kiscinchand Mohnani ahwa Mohnani; u l-Avukat Dr. Peter Borg Costanzi u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello b'digriet ta' l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru 1992 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Boolchand Mohnani, Bhagu G. Mohnani u Monica Khemancey, ukoll ahwa Mohnani, ulied l-imsemmija Gopaldas u Parpati Mohnani; u b'nota tat-tmienja (8) ta' Jannar, 1993 Joseph Said bhala managing director f'isem is-socjeta' Combined Industries Limited assuma l-atti tal-kawza minflok il-konvenuti Rose Micallef u Frank Micallef ahwa

Micallef; *Citaz. Nru. 976/92 GCD, deciza fit-tnax (12) ta' Dicembru, 1996, gie deciz li l-fond fil-Belt Valletta, Triq ir-Repubblika, numru tletin, ma jistax jinqasam fl-ishma li ghandhom il-partijiet, tordna li jinbiegh b'licitazzjoni.*

Premess illi fl-istess sentenza l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili iddikjarat li l-imsemmi fond numru 30, Triq ir-Repubblika, Valletta, ghandu jigi *meqjus bhala mhux mikri.*

Premess illi s-sentenza fl-ismijiet premessi ghaddiet in gudikat, sehh il-bejgh b'licitazzjoni u l-imsemmi fond gie liberat favur is-socjeta' attrici.

Premess illi l-imsemmija liberazzjoni favur is-socjeta' attrici giet debitament iskritta fir-Registru Pubbliku permezz ta' Nota ta' Insinwa numru 17689 datata erbatax (14) ta' Dicembru, 2000 (Dok. "A").

Premess illi l-konvenut kien wiehed mill-ko-proprietarji u come tale kellu pussess tal-fond.

Premess illi l-konsegwenti ghall-liberazzjoni tal-fond nru. 30, Triq ir-Repubblika, Valletta, favur is-socjeta' attrici, it-titolu tal-konvenut spicca u illum l-istess konvenut, li ghadu qed jokkupa l-imsemmi fond, qieghed jiddetjeni tali fond bla titolu validu fil-Ligi.

Premess illi nonostante li s-socjeta' attrici interpellat lill-konvenut sabiex jizgombra mill-imsemmi fond u hallih liberu u vojt favur l-istess socjeta' attrici permezz ta' ittra ufficjali datata tmintax (18) ta' Dicembru, 2000, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghadu sa llum qed jokkupa l-fond nru. 30, Triq ir-Repubblika, Valletta, bla titolu validu fil-Ligi (Dok. "B").

Premess illi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha billi l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba tas-socjeta'

attrici ghall-izgumbrament tieghu mill-fond nru. 30, Triq ir-Repubblika, Valletta (Dok. “C”).

Ghar-ragunijiet premessi Is-socjeta’ attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta’ l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex f’terminu qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti jizgombra mill-fond nru. 30, Triq ir-Repubblika, Valletta, liema fond gie liberat favur is-socjeta’ attrici konsegwenti ghal bejgh b’licitazzjoni, u ghaldaqstant jirrilaxxja tali fond liberu u vojt a favur tas-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata tmintax (18) ta’ Dicembru, 2000, kontra l-konvenut u b’riserva ta’ kull azzjoni ghad-danni bhala kupens sakemm il-fond imsemmi jitbattal, spettanti lis-socjeta’ attrici fil-konfront ta’ l-istess konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 18 fejn eccepixxa:

Illi l-eccipjenti qed jaghtu in limine litis l-eccezzjoni tal-litispendentia li allura din il-Qorti ghandha tissopresjedi sakemm tigi deciza l-kawza l-ohra li hemm riferenza ghalija fi-tieni eccezzjoni;

Illi l-allegat titolu tas-socjeta’ attrici qed jigi impunjat ghaliex l-esponenti Kischinchand Mohnani u Sheila Mohnani iddepositaw proceduri Citazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet “Kischinchand Mohnani u Sheila Mohnani, konjugi vs Licari Estates Limited, Phyllis mart in-Nutar Dottor Mario Bonello, Dottor Peter Borg Costanzi u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello b’digriet ta’ l-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Settembru,1992 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Parpati sive Parpatibai armla ta’ Gopaldas Mohnani u lill-

assenti Boolchand Mohnani, Baghu G. Mohnani u Monica Khemancey ilkoll ahwa Mohnani, ulied l-imsemmija Gopaldas u Parpati sive Parpatibai Mohnani u Combined Industries Limited, Joseph Mohnani, ir-Registratur tal-Qorti ghal kull interess li jista' jkollu", Cit. Nru. 67/01 JRM appuntata ghat-tmienja (8) ta' Marzu, 2001; f'din il-kawza qed tintalab l-impunjazzjoni tal-proceduri tas-subbasta bhala nulli u inattemdibbli; kopja ta' dawn il-proceduri qed tigi esebita Dok "A"; illi l-mertu fil-qosor huwa illi l-fond kien gie liberat ghall-ammont ta' erba' mija u tmenin elf liri Maltin (Lm480,000) meta fil-fatt lesponenti kienu offrew erba' mija u hamsa u tmenin elf liri Maltin (Lm485,000) u li ghalhekk ma thallewx ikomplu jaghmlu l-offerti bil-konsegwenti nullita' tas-subbasta; illi l-konvenut effettivament iddeposita l-ammont ta' mitejn u erbghin elf liri Maltin (Lm240,000) monflok l-ammont kollu ta' erba' mija u tmenin elf liri Maltin (Lm480,000) li ghalih gie liberat il-fond; illi fost il-partijeit illi dehru illi bieghu kein hemm Parpati sive Parpatibai Mohnani illi ilha snin mejta u ma saritx id-dokumentazzjoni fiskali; konsegwentement l-atti tas-subbasta huma nulli;

Illi konsegwentement u minghajr pregudizzju it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenut biex jizgombra mill-fond 30, Triq ir-Repubblika, Valletta, liema fond gie liberat favur is-socjeta' attrici konsegwenti ghall-bejgh b'licitazzjoni.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa preliminarjament il-litis pendentia li allura din il-Qorti ghandha tissoprasjedi sakemm tigi deciza l-kawza l-ohra li hemm riferenza ghaliha fit-tieni eccezzjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar il lis alibi pendens.

L-artikolu 792 tal-Kap 12 jipprovvdi li meta titressaq kawza quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawza ohra **fuq l-istess oggett** quddiem qorti kompetenti ohra, il-kawza mressqa l-ahhar tista' tigi mibghuta lil dik il-qorti l-ohra.

Il-konvenut pprezenta kopja ta' citazzjoni li l-konvenut u martu kienu pprezentaw qabel dina l-kawza kontra l-atturi odjerni u ohrajn (ara fol 21) fejn talbu lil Qorti li tigi dikjarata illegali u nulla s-subasta li saret fil-hamsa (5) ta' Dicembru, 2000 ta' fond in kwistjoni kif ukoll ic-cedola pprezentata mill-atturi u konsegwentement anke l-liberazzjoni li saret tal-fond favur l-atturi u talbu li ssir mill-gdid il-bejgh bis-subasta.

L-atturi f'dina l-kawza qed jissottomettu li l-azzjoni pprezentata mill-konvenut ma twaqqafx il-kawza prezenti billi s-subasta hija finali sakemm ma tissopraveniex sentenza ohra minn Qorti kompetenti li tghid mod iehor. Il-fatt li s-subasta qed tigi attakkata billi qed jigi pretiz li dina kienet nulla ma jwassalx ghas sospensjoni tal-effetti taghha. Inoltre l-atturi qed jissottomettu li fil-kaz in ezami ma jissussitux it-

tlett rekwiziti biex tirnexxi l-eccezzjoni ta' lis alibi pendens, cioe eadem personae, eadem res u idem ius, eadem causa petendi.

**Tikkunsidra**

L-artikolu 792 fuq kwotat isemmi li l-kawza l-ohra trid tkun **fuq l-istess oggett.**

L-iskop tal-eccezzjoni tal lis alibi pendesns hu li timpedixxi li fuq l-istess kontroversja bejn l-istess partijiet jigu moghtija minn zewg qrati differenti zewg sentenzi, li jista' wkoll, ikunu inkonciljabbli. (Vol 34 p 358).

E' noto che nella pendenza della lite si devono ricercare gli stessi requisiti che devono ricorrere nella eccezione della cosa gudicata, cioe' che i due giudizzii sieno tra le stesse persone, per lo stesso oggetto e che abbiano la stessa causa. (Vol 24 p2 p 186).

E' infatti soltanto su questi elementi che si e' gia eccitata la funzione giurisdizionale e soltanto in rapporto ad essi che puo' verificarsi la duplicita' o la contradizione dei gudicati. (Scialoja Diritto  Privato.)

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami kienet inghatat sentenza fit-tnax (12) ta' Dicembru, 1996 fejn gie deciz li l-fond in kwistjoni kellu jinbiegh b'licitazzjoni. Fil-fatt saret il-licitazzjoni u l-fond gie liberat favur is-socjeta' attrici. Il-konvenut kien wiehed mill-proprjetarji u kellu pussess tal-fond izda meta saret il-liberazzjoni tal-fond it-titolu tieghu spicca u ghalkemm mitlub mill-atturi biex jizgombra mill-fond hu ma harigx u saret dina l-kawza.

Fil-kawza pprezentata mill-konvenut hu qed jattakka dina l-liberazzjoni li saret favur l-atturi u li fuqha huma issa qed jitolbu li l-konvenut jigi zgumbrat.

Illi jirrizulta li l-kawza li ghamel il-konvenut hija fuq l-istess oggett u bejn l-istess partijiet ghalkemm f'dina l-kawza l-atturi huma Licari Estates biss billi favur taghhom gie liberat il-fond. Dana ma jfissirx pero' li l-partijiet mhumiex l-istess. Wara kollox "non e' sempre necessario che gli estremi della cosa giudicata si verifichino integralment e rigorosamente perche' la litispendentia sia possibile. (Vol 25 p3 p 723).

Illi jekk il-konvenut jirnexxilu jipprova li s-subasta kienet nulla jista' jaghti l-kaz li jkun hemm zewg sentenzi kontradittorji fis-sens li Qorti wahda tordna l-izgumbrament u l-Qorti l-ohra thassar is-subasta u l-liberazzjoni li fuqha hija bazata t-talba ta' l-atturi ghall-izgumbrament. Hu dana l-effett jew rizultat li jikkonferma li l-kawza hija fil-fatt fuq l-istess oggett u bejn l-istess partijiet. Infatti l-causa petendi hija dak il-fatt giuridiku li fuqu jitwaqqaf il-jedd mitlub b'azzjoni jew il-jedd l-iehor li b'sahha tieghu fl-eccezzjoni jincahad l-ewwel jedd. (Vol 29 p 2 p 511).

In tesi generale l'effetto dell'eccezione di pendenza di lite e' di far rinviare la causa innanzi alla Corte che e' stata adita la prima (Vol 24 p 186).

L-atturi rreferew ghall-sentenza J.Camilleri noe vs J.Vassallo Gatt pro et noe deciza tlieta u ghoxrin ta' Mejju, 1997 (23/5/1997) fejn il-Qorti, f'kaz b'fatti simili, qalet li ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex kellha tissoprasjedi jew tilqa' l-eccezzjoni tal-litispendentia stante li anke fl-eventwalita' ta' ezitu favorevoli dan ma jipprekudlix lill-konvenut milli jiehu lura l-pussess tal-fond bil-mezzi li ittih il-ligi.

Fil-kaz in ezami l-konvenut mhux qed jitlob is-soprasezzjoni izda li z-zewg kawzi jinstemghu flimkien. Il-konvenut kien ipprezenta l-ewwel l-kawza tieghu biex jannulla s-subasta u wara giet prezentata dina l-kawza. Dina l-kawza fil-fatt giet prezentata fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar, 2001 mentri l-kawza li ghamel il-

konvenut giet prezentata fis-sittax (16) ta' Jannar, 2001 ghalhekk fil-kaz in ezami din l-kawza ghandha tigi rinvijata biex tinstemgha flimkien mal-kawza l-ohra quddiem il-Qorti diversament presjeduta.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fis-sens fuq indikat u tiddiferixxi l-kawza sine die biex tigi rinvjata biex tinstemgha mal-kawza l-ohra fuq imsemmija;
L-ispejjez riservati ghad-decizjoni finali.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**